DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-22 ta' Ottubru 2009

li temenda l-Anness I tad-Deċiżjoni 2004/233/KE fir-rigward tal-annotazzjoni għad-Danimarka fil-lista tal-laboratorji awtorizzati li jiċċekkjaw l-effikaċja tat-tilqim kontra l-idrofobja f'ċerti karnivori domestiċi

(notifikata bid-dokument numru C(2009) 7951)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/779/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/258/KE tal-20 ta' Marzu 2000 li taħtar istituzzjoni speċifika responsabbli biex tistabbilixxi l-kriterji meħtieġa għall-istandardizzazzjoni tat-testijiet seroloġiċi biex issegwi l-effikaċja tat-tilqim kontra l-idrofobija [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni 2000/258/KE taħtar il-laboratorju tal-Agence Française de Sécurité Sanitaire des Aliments de Nancy (il-laboratorju tal-AFSSA, Nancy), Franza, bħala l-istituzzjoni speċifika responsabbli biex tistabbilixxi l-kriterji meħtieġa għall-istandardizzazzjoni tat-testijiet seroloġiċi biex tiġi segwita l-effikaċja tal-vaċċini tal-idrofobija.

(2) Id-Deċiżjoni 2000/258/KE tipprevedi li l-Laboratorju tal-AFSSA, Nizza, għandu jibgħat lill-Kummissjoni l-lista ta' dawk il-laboratorji Komunitarji li għandhom jingħataw l-awtorizzazzjoni biex iwettqu dawn it-testijiet seroloġiċi. Għaldaqstant, il-Laboratorju tal-AFSSA, Nancy, iwettaq il-proċedura stabbilita tal-verifika tal-profiċjenza biex jevalwa l-laboratorji qabel toħroġ l-awtorizzazzjoni biex jitwettqu t-testijiet seroloġiċi.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/233/KE tal-4 ta' Marzu 2004 li tawtorizza l-laboratorji jiċċekkjaw l-effikaċja tal-vaċċinazzjoni kontra l-idrofobja f'ċerti annimali domestiċi karnivori [2], telenka l-laboratorji awtorizzati fl-Istati Membri fuq il-bażi tar-riżultati tat-testijiet ta' profiċjenza kkomunikati mil-Laboratorju tal-AFSSA, Nancy. L-Istitut Daniż għar-Riċerka Veterinarja u dwar l-Ikel huwa bħalissa fil-lista tal-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

(4) Wara t-tibdil fl-amministrazzjoni ta' dan il-laboratorju li ma għandu ebda effett fuq ir-rendiment u fuq l-apprezzament u l-awtorizzazzjoni ta' dan il-laboratorju, id-Danimarka ressqet talba biex timmodifika l-isem u l-informazzjoni għall-kuntatt ta' dan il-laboratorju.

(5) Id-Deċiżjoni 2004/233/KE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan.

(6) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2004/233/KE, l-annotazzjoni għad-Danimarka tinbidel b'dan li ġej:

"**(DK) Id-Danimarka**

Technical University of Denmark
National Veterinary Institute
Lindholm
DK-4771 Kalvehave
Telefown: +45 35 88 60 00
Faks: +45 35 88 79 01
Imejl: vet@vet.dtu.dk"

Artikolu 2

Dan id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Ottubru 2009.

Għall-Kummissjoni
Androulla VASSILIOU
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 79, 30.3.2000, p. 40.
[2] ĠU L 71, 10.3.2004, p. 30.